MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 467/2013

**Lee Anthony Aquilina**

**(ID 61879M)**

**Vs**

**Kunsill Lokali Iklin**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta’ Awissu, 2013 fejn l-attur qal illi nhar it-13 ta’ Frar, 2013 sehh incident gewwa Triq il-Wied Iklin illi bhala konsegwenza l-vettura BMW 320 numru ta’ registrazzjoni LEE 007 proprjeta tal-attur soffriet hsarat.

Illi dak in-nhar tal-incident l-imsemmija triq kellha hofra u kienet din il-hofra li kkawzat l-incident ghaliex minkejja li l-attur zamm ‘proper look out’ il-hofra ma kinitx mistennija u ma setghatx tigi evitata.

Illi dan l-incident sehh bhala rizultat ta’ nuqqas ta’ manutenzjoni, xoghol traskurat,  jew mhux skond l-arti u s-sengha , illi sar fl-imsemmija triq minn jew fuq l-inkarigu tal-konvenut Kunsill Lokali. Illi kagun tal-hofra fit-triq infaqghu it-tyres tal-karozza. Illi b’hekk isegwi illi l-incident *de quo* sehh unikament bhala rizultat tan-negligenza jew non osservanza tar-regoli da parti tal-konvenut.

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kundannat sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ erbgha mija u tlieta u sebghin ewro (€473) rapprezentanti hsarat ghad-danni kollha sofferti. Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex it-Tribunal prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m’ghandux jaqta u jiddeciedi billi jiddikjara lill-istess Kunsill Lokali responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas il-kwantum ta’ danni fl-ammont ta’ erbgha mija u tlieta u sebghin ewro (€473).

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut Kunsill Lokali.

Il-Kunsill Lokali konvenut wara li gie debitament notifikatipprezenta risposta fl-10 ta’ Settembru, 2013 fejn eccepixxa illi t-talbiet attur huma fil-fatt u fid-dritt michuda u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u hekk il-kawza ghandha tigi deciza kontra l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Xehed l-attur u missieru Anthony Aquilina li filfatt kien qed isuq il-vettura proprjeta ta’ ibnu l-attur, meta gara l-incident. Dawn ix-xhieda spjegaw kif l-attur soffra d-danni fil-vettura tieghu.

Xehed ukoll Etienne Montfort fil-kariga tieghu ta’ Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali konvenut fejn spjega illi t-talba tal-attur ma gietx accettata mill-Kunsill Lokali peress illi l-hofra mir-ritratti esebiti tidher fuq in-naha opposta tat-triq minn dik inidikata mill-attur.

Wara li sar access fuq il-post biex jigi stabbilit d-direzzjoni tar-rittratt ipprezentat a fol 12 u 14 tal-process, It-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa ampjament car illi r-ritratt LA 13 a fol 12 tal-process juri li l-hofra fit-triq tinsab fil-karreggjata li tiela filwaqt illi l-karrozza tal-attur tinsab ipparkjata fil-karreggjata li tinsab ghan-nizla.

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-Kunsill Lokali konvenut ihallas lill-attur s-somma mitluba ta’ erbgha mija u tlieta u sebghin ewro (€473) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tal-Kunsill konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------